**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 17 ta' Jannar 2001**

**Numru 10**
**Citaz. Nru. 621/92 FD**

**Alexander Zerafa, awtorizzat jistitwixxi din il-kawza in forza ta' digriet numru 478/92 tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili**
**vs**
**Victoria Zerafa**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-kontendenti huma legalment mizzewgin u ghandhom zewgt itfal Gabriella ta' tmien snin u Joseph ta' erba' snin;

Premess illi l-konvenuta rrendiet ruhha hatja ta’ adulterju, eccessi, mohqrija, theddid, sevizzji u ingurji gravi fil-konfront ta’ l-attur, b’mod li rrendiet il-hajja konjugali ta’ bejniethom impossibbli;

Premess illi z-zwieg ta’ bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment;

Talab ghalhekk l-attur lil din il-Qorti sabiex:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet premessi imputabbli unikament lill-konvenuta;

2. tassenja lill-attur l-kura u kustodja tal-minuri Gabriella u Joseph ahwa Zerafa, fl-ahjar interess ta' l-istess minuri;

3. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuta iddekadiet minn kull dritt ta' manteniment fil-konfront ta' l-attur;

4. Tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwiti bejn il-kontendenti,

5. Tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti u tassenjaha fl-intier taghha lill-attur, bin-nomina okkorrendo ta' perit biex jaghmel din il-likwidazzjon u bin-nomina okkorrendo ta' nutar biex jircievi l-att relattiv u kuratur

biex jirrapprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

6. Tikunndanna lill-konvenuta sabiex tikkonsenja lill-attur fi zmien qasir u perentorju li jigi lilha prefiss dawk l-assi formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti u dawk l-assi parafernali ta' l-attur li huma fil-pussess taghha, u fin-nuqqas, tkun ikkundannata thallas lill-attur il-valur taghhom kif jigi likwidat okkorrendo permezz ta' perit nominand;

7. Tapplika kontra l-konvenuta id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli tmienja u erbghin (48), disgha u erbghin (49) u wiehed u hamsin (51) tal-Kodici Civili u senjatament li tigi moghtija lill-attrici l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili kontra l-konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur u il-lista tax-xhieda minnu indikati, kif ukoll l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta illi fiha hija eccepiet:-

1. Illi l-eccipjenti taqbel li tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti pero` mhux bi htija taghha izda ghal

ragunijiet imputabbli unikament lill-istess attur. L-eccipjenti gja bdiet proceduri ta' separazzjoni f'isimha kontra zewgha u din il-kawza saret mill-attur b'"risposta" ghal din il-kawza;

2. Illi l-kura u l-kustodja ta' ulied il-kontendenti ghandha tkun fdata f'idejn l-eccipjenti fl-ahjar interess ta' l-istess minuri;

3. Illi t-tielet talba ta' l-attur hija nfondata fil-fatt u fil-ligi u ghandha tigi respinta;

4. L-eccipjenti taqbel mar-raba' talba ta' l-attur li tigi xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti;

5. Illi l-hames talba ta' l-attur hija infondata fil-fatt u fil-ligi. Il-komunjoni ta' l-akkwisti ghandha tigi maqsuma u assenjata bejn il-kontendenti fi kwoti ugwali;

6. Is-sitt talba ta' l-attur hija infondata fil-fatt u fil-ligi u ghandha tigi respinta;

7. Illi anke s-seba' talba ta' l-attur ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra tieghu in kwantu legalment infondata.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuta u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat id-Digriet taghha tad-19 ta' Mejju 1993 li permezz tieghu giet nominata l-Avukat Dr. Yana Micallef Stafrace bhala espert legali biex tfittex u tirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici wara li tiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati u taghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-Relazzjoni ta' l-istess espert legali li tinsab a fol 347 *et seq* tal-process u li giet minnha debitament konfermata fl-Udjenza tat-12 ta' Lulju 2000;

Semghet lill-istess Dr. Yana Micallef Stafrace in eskussjoni wara li hadet id-deposizzjoni taz-zewg ulied minuri;

Semghet lix-xhieda prodotti;

Semghet lid-difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Illi l-attur intavola din ic-citazzjoni fejn talab illi l-Qorti tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba htijiet tal-konvenuta, u li z-zewg ulied minuri jigu fdati fil-kura tieghu, kif ukoll dikjarazzjoni li l-konvenuta ddekadiet mid-dritt tal-manteniment; talab ukoll ix-xoljiment u d-divizjoni tal-

komunjoni ta' l-akkwisti, kif ukoll ir-ritorn ta' l-oggetti parafernali tieghu li jinsabu fil-pussess taghha u s-sanzjonijiet indikati fl-att tac-citazzjoni;

Illi minn naha taghha l-konvenuta ghalkemm taqbel li ghandha tigi dikjarata s-separazzjoni pero` dan b'tort ta' l-attur u hija cahdet l-allegazzjonijiet kollha li ghamel kontra taghha;

Illi din il-kawza giet ipprezentata mill-attur ftit gimghat wara li martu, il-konvenuta odjerna kienet intavolat kawza simili, f'ismijiet inversi;

Illi permezz tal-verbal taz-zewg kontendenti kien hemm qbil li l-provi li jingabru f'kawza wahda ikunu applikabbli u jaghmlu stat anke fil-kawza l-ohra, u fil-fatt giet anke nominata l-istess espert legali li in segwitu ipprezentat rapport estensiv biss fil-kawza l-ohra Citazzjoni numru 386/92 waqt li f'din il-kawza sar biss rapport b'referenzi relattivi;

Illi iz-zewg kawzi qed jigu decizi llum u l-problemi involuti gew indirizzati pratikament kollha fil-kawza l-ohra; anke a skans ta' repetizzjonijiet inulti il-Qorti taghmel ampja referenza ghall-imsemmija konsiderazzjonijiet maghmula fil-kawza l-ohra; il-punti involuti kemm f'din il-kawza kif ukoll fil-kawza l-ohra jinsabu ittrattati ghalhekk fis-Sentenza fil-kawza Citazzjoni numru 386/92;

Illi ghalhekk il-Qorti, wara li taghmel referenza mill-gdid ghall-provi prodotti fiz-zewg kawzi bejn il-kontendenti, kif ukoll ghar-rapport peritali konfermat fil-kawza Citazzjoni numru 386/92, tirreferi ampjament ghas-Sentenza moghtija illum stess f'dik il-kawza u tiddeciedi l-kawza odjerna billi:-

Tilqa' l-ewwel erba' Domandi kif dedotti fic-citazzjoni;

Tiddeciedi l-Hames u s-Sitt Domandi billi tikkonferma t-terminazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tiddividi l-istess komunjoni skond kif dispost fid-decide dwar ir-Raba' u l-Hames Domandi fis-Sentenza tal-kawza Citazzjoni Numru 386/92 u tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tat-talba in kwantu terreferi ghall-beni parafernali;

Tiddeciedi is-Seba' Domanda billi oltre dak kif dispost f'din is-Sentenza tordna li l-kontendenti jitilfu d-drittijiet successorji reciproci taghhom.

L-ispejjez, anki in vista tal-fatt illi c-citazzjoni giet intavolata wara l-ohra fl-ismijiet inversi fejn ma saret l-ebda kontro-talba, ghandhom fil-kawza odjerna jigu sopportati bin-nofs bejn il-kontendenti.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur